**QORTI TA'L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE INFERJURI)**

**Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.**

Seduta tal-11 ta' April 2025

Appell numru 647/2024

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Agius

Spettur Doriette Cuschieri

Vs

Omissis 1

Omissis 2

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti, Omissis 1 detentur tal-karta tal-identità Maltija 000000M u Omissis 2 detentur tal-karta tal-identità 000000M akkużati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Bil-ħsieb li jestorcitaw flus jew xi hag'oħra, jew li jaghmlu xi qligh, jew bil-ħsieb li jġieghlu lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil -miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi haga, heddu li għamlu denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil Omisses 3 u/ jew persuni ohra Kap. 9-Art. 250 (1)(2), tal-Liġijiet ta' Malta

2. Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi: Użaw vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikologika, u/jew sfurzar, sabiex igiegħlu lil Omissis 3 jagħmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi haga, jew sabiex inaqqsu l-abilitajiet ta' Omissis 3 jew jizolaw tali persuna jew jillimitaw l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg, liema delitt twettaq ripetutament, min żewġ persuni jew aktar li agixxew flimkien, u ikkaguna offiza psikologika fuq il-vittma. Kap. 9-Art. 251 (1)(2), 251H (b)(e)(h) tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ingurjaw jew heddu lill Omissis 3, b'ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni Kap. 9-Art. 339 (1)(e), tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-hsieb li jieħdu xi flus jew xi haġa ohra, jew biex jgħmlu xi gwadann, jew bil-ħsieb li jgiegħlu lil Omissis 3 biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi haga, hedduh li jakkuzah jew li jaghmlu lment kontra, jew biex jimmalafamah, ghamlu uzu mhux xieraq mil-mobile Kap. 399-AΠ. 49 (b)(c).

Il-Qorti kiebnet mitluba sabiex titratta lill-imputati Omissis 1 u Omissis 2 bhala recedivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan b' sentenza tal-Qrati Maltin, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Omissis 1 wahdu huwa akkuzat talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi: Ikkommetta reat waqt sentenza fejn illiberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sentejn ingħatat mil-Magistrat Dr. Simone Grech LLD nhar is-27 ta' Frar 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ta’ nhar il-5 ta’ Settembru 2024 fejn il-Qorti, wara rat u kkunsidrat l-Artikoli 250(1)(2), 251(1)(2), 251H(b)(e)(h), 339(1)(e), u l-Artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(b)(c) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati Omissis 1 u lil Omissis 2 hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom it-tnejn, inkluż tal-addebitu tar-reċediva u kkundanathom għal piena ta' tliet (3) snin priġunerija effettiva kull wiehed, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li

huma nżammu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ, kif ukoll multa ta' hamest elef ewro (€5000) kull wiehed. Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiči Kriminali il-multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200). F'każ li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa għandha tithallas fi żmien sitta u għoxrin (26) xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dana li jekk il-ħatja jonqsu milli jħallsu pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi prigunerija skond il-ligi. In kwantu ghall-imputazzjoni (mingħajr numru) dedotta biss fil-konfront tal-imputat Omissis 1, ossia t-twettiq ta' reat tul il-perjodu operattiv ta liberta kondizzjonata skond sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Omissis 1 deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ai termini ta' l-Artikolu 23(1)(a)(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trattat mal-imputat Omissis 1 dwar ir-reat mertu tas-sentenza fl-ismijiet fuq premessi, daqs li kieku ghadu kemm ġie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dak ir-reat. Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Omissis 1 hati ukoll ta' din l-imputazzjoni u tikkundannah ghall-piena ta' xahrejn priġunerija effettiva. Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet fil-konfront ta' l-imputati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Omissis 3. Dan l-Ordni ta' Trażżin qiegħed jinhareġ ghal perijodu ta' tliet snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digrieti moghtija llum stess, liema Digrieti huma annessi mas-sentenza u jifformaw parti integrali minnha. In vista tal-hruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti astjeniet milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat Omissis 1 ihallas lil Omissis 3 l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), bhala kumpens għad-danni magħmula minnu. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien sitt (6) xhur minn dak inhar. Wara li rat it-talbiet tal-prosekuzzjoni u tal-parte civile ghall-konfiska tal-mobile phones eżebiti f' dawn il-proċeduri, u ghad-distruzzjoni tac-chats pertinenti ghall-każ odjern fl-istess mobile

phones, kif ukoll għad-distruzzjoni tal-kontenut tal-pendrive eżebita in atti, liema talbiet ma ġewx kontestati mid-difiża, ordnat konfiska taż-żewġ mobile phones eżebiti bhala 'Dok AC 14' u 'Dok AC 15', favur il-Gvern ta' Malta u ordnat ukoll id-distruzzjoni tagħhom. Ordnat d-distruzzjoni tal-pendrive eżebita bhala 'Dok AC 13', hekk kif is-sentenza tghaddi in ġudikat, u dan taħt il-harsien tar-Registratur li għandu jirredigi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Finalment il-Qorti ordnat divjet tal-publikazzjoni ta' isem u d-dettalji tal-imputati u tal-vittma fil-gazzetti lokali, siti elettroniċi u mezzi tax-xandir. Il-Qorti attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hatja jingħataw l-kura u l-għajnuna kollha neċessarja li għandhom bżonn sabiex jegħlbu l-vizzju tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Omissis 1 u Omissis 2, preżentat nhar it-25 ta' Settembru, 2024, fejn talbu lil din l-Qorti sabiex tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fejn sabithom ħatja ai fini tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tal-appellanti u ċioe' fir-rigward tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjoni u dan billi tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazjoni.

**Ikkunsidrat,**

Illi kemm il-darba kien ribadit fil-ġurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati, illi meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuż appell mill-piena sakemm din tidħol fil-parametri prefissi mil-liġi. "Dan għaliex min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Dan ma jfissirx, pero`, illi f'kull każ din

il-Qorti u Qrati oħra ta' l-appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le.[1]"

Fil-każ odjern, ż-żewġ appellanti ammettew b'mod inkondizzjonat l-imputazzjonijet kollha lilhom addebitati u ikkonfermaw dik l-ammissjoni wara li l-Ewwel Qorti wissiethom dwar il-konsegwenzi tagħha u tathom żmien sabiex jaħsbuha u jmorru lura minnha, iżda baqgħu jinsistu fuq l-ammissjoni tagħhom.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati meta ġiet biex tikkalibra dik il-piena li, fid-diskrezzjoni tagħha, dehrilha li kienet idonja għar-reati ammessi mill-imputati u wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, għaddiet biex tinfliġġi l-piena ta' tlett snin priġunerija u multa ta' €5000 kontra kull wieħed mill-imputati, llum appellanti. Inoltre ittrattat mall-appellant Omissis 1 dwar reat mertu ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar 2023 fejn huwa kien ingħata sanzjoni komunitarja meta kien applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tiegħu għal żmien sentejn, u minflok ikkundannatu għal xahrejn oħra ta' priġunerija. Illi meta ġiet għal konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Ewwel Qorti qieset l-ammissjoni bikrija reġistrata miż-żewġ imputati u n-natura tar-reati lilhom addebitati. Qieset ukoll dak dikjarat kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża illi ż-żewġ imputati huma maħkuma mill-vizzju tad-droga.

Illi ż-żewġ appellanti ħassewhom aggravati bil-*quantum* u n-natura tal-piena inflitta fuqhom billi jqiesu li din kienet waħda eċċessiva li ma ħaditx kont tal-aspett reformattiv, fejn allura jqiesu illi ma ingħatawx l-opportunita' jirriformaw ħajjithom.

Issa huwa indubitat illi ż-żewġ appellanti ma jistgħux jitqiesu bħala xi *first time offenders* għaliex il-fedina penali rispettiva tagħhom hija waħda piuttost refrattarja. Illi *di piu'*, għalkemm jisħqu fuq l-aspett reformattiv tal-piena u allura talbu li jingħataw l-opportunita' jaqbdu it-triq tar-rijabilitazzjoni, madanakollu ma jurux lanqas biss

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Reno sive Nazzareno Micallef – 28/11/2006 App. Krim.

prova waħda, la lil din il-Qorti u lanqas lill-Ewwel Qorti qabilha, illi huma lesti li jirriformaw ħajjithom u li jitbiegħdu mill-ħajja kriminoġenika. Illi minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali ta' kull wieħed minnhom huwa ukoll indubitat illi l-qrati tawhom għadd ġmielu ta' opportunitajiet sabiex joħorġu mill-vizzju tad-droga u sabiex jaqbdu it-triq tar-riforma, iżda jidher ċar li dan ma sewa għal xejn billi huma baqgħu jikkomettu reati ġodda, u jidher illi llum għadhom afflitti b'dan il-vizzju, bl-appellant Calleja jiddikjara li lanqas għandu impjieg.

Illi *di piu'* l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-liġi fejn il-piena għar-reat tal-estorsjoni waħdu, ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni hija dik minn sena sa erba' snin priġunerija. Magħdud ma' dan ir-reat l-appellanti instabu ħatja ukoll tar-reati ta' l-użu mhux xieraq ta' apparat ta' telekomunikazzjoni, oltre akkużi ta' biża ta' vjolenza, theddid u ingurji. Iż-żewġ appellanti kienu ukoll misjuba ħatja bl-addebitu tar-reċidiva. Jikkonsegwi għalhekk illi l-piena ta' tlett snin priġunerija hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi.

Għaldaqstant ġaldarba l-appellanti ma jressqu ebda mottiv li jista' jwassal lil din il-Qorti titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta din ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena konsegwenti għall-ammissjoni nkondizzjonata reġistrata minnhom, u fid-dawl tal-karattru refrattarju tagħhom, tqis illi dik il-piena għandha tibqa' mhux mittiefsa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellat fl-intier tagħha, bit-terminu ta' tlett snin fir-rigward tal-Ordni ta' Trażżin favur** Omissis 3**, u it-terminu ta' sitt xhur għal ħlas favur l-imsemmi** Omissis **3 fl-ammont ta' €400 għandhom jibdew jiddekorru mil-lum.**

Edwina Grima

Imħallef